Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Numru 649/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Aquilina**
**Spettur Victor Aquilina**
**Spettur Kevin Farrugia**

v

**RICHARD ATTARD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RICHARD ATTARD** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Richard u Emanuela nee Buttigieg imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Dicembru 1981 u residenti 352, Triq Fleur de Lys, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 662281M, gie mressaq quddiem akkuzat talli fit-tmienja ta' Awissu 2004 u fix-xhur ta' qabel f'B'Kara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk

fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Talli b'ghemil zieni kkorrompa lil persuna taht l-eta u cioe lil Bernice Camilleri, minorenni ta' hmistax il-sena;

b. Talli offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku;

c. Talli xjentement f'dawn il-Gzejjer fi zminijiet differenti, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew jmexxihom;

d. Tallli fid-disgha ta' Awissu 2004, ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu, dahal f'dar jew lok iehor jew f'recint ta' 'Moonlight', Triq l-Maggur A. Aquilina, B'Kara, b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor.;

Il-Qorti giet mitluba asabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Bernice Camilleri u l-familja taghha ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Gunju 2005 kif jirrizulta a fol 250 tal-atti odjerni.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2005 a fol 251 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u dawk prodotti mid-difiza.

Rat r-repert esibit a fol 235 tal-atti in konnessjoni ma sejba ta' balaclava fil-fond 'Moonlight' fi Triq il-Maggur Anthony Aquilina, B'Kara redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano nhar t-tmienja ta' Ottubru 2004.

Semghet lil partijiet jittrattaw fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datat tnejn w ghoxrin ta' Frar 2006 [fol 265] kif wkoll dik tal-imputat datata tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2006 [fol 271].

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu **2004 xehdet l-minuri Bernice Camilleri** permezz ta' video conferencing [fol 14] fejn wara li gie spjegat lilha mill-Qorti t-tifsira tal-gurament, qalet li hi ghandha hmistax il-sena. Qalet li lil imputat kien ilha tafu xi tlett xhur, peress li kien joqghod hdejha u kienet tarah jahsel l-karozza. Qalet li darba minnhom xi tlett xhur ilu kienet d-dar ma shabha u dawn gibdulha l-attenzjoni li kien hemm l-imputat u marru kollha jkellmuh. Mistoqsija mill-Qorti x'tip ta' hbiberija kien hemm bejnha u bejn l-imputat, x-xhud wiegbet li kienet relazzjoni ta' bejn 'koppji, bhal gharrejjes ppruvajna' [fol 15] fis-sens li hi kienet tittrattah qisu l-gharus taghha. Qalet li hi minn jeddha riedet tohrog mieghu u damet tohrog mieghu xi tlett xhur minn meta kellha erbatax il-sena. Kompliet tghid li huma kienu jaghmlu hafna affarijiet flimkien u li kellhom relazzjoni sesswali bejniethom wkoll. Qalet li kienu jiltaqghu kwazi fejn d-dar tieghu, kien isuq hu, u kienu jaghmlu s-sess kemm fil-karozza tieghu Fiat Uno fejn d-dar tieghu, kif wkoll fit-triq pubblika, hdejn Farsons. Qalet li hu qatt ma gieghlha taghmel dawn l-affarijet kontra r-rieda taghha, dejjem ghaliex riedet hi saru. Kompliet tghid li huma kienu jinzghu gherwenin t-tnejn, jitbewwsu u jaghmlu l-att taz-zwieg bejniethom. Qalet li qatt ma uzaw kontracettivi, avolja hi ma kienetx tiehu l-*pill*. Qalet li hi qatt ha hadet xi tip ta' prekawzjoni u hu qatt ma egakola fiha, kien jegakola barra. Kompliet tghid li gieli kellhom sess orali

bejniethom u gieli l-imputat taha xi flus pero hi qatt m'accettathom. Ziedet ghid li l-imputat kien ta gizirana, curkett, arlogg, mobile u soft toy bhala rigal. Qalet li nofshom qeghdin ghandu u tnejn ghandha. Qalet li hi kienet tkun li tkun trid tiltaqa mal-imputat u kienet tibghatlu messaggi fuq il-mobile biex jiltaqghu, ghalkemm gieli kienet tkun hdejn l-iskola u tarah hemmhekk. Qalet li huma qatt m'iltaqghu hdejn d-dar taghha, kienu jiltaqghu hdejn l-iskola u hi kienet tkun ghadha bl-uniformi.

Ziedet ghid li kienet taf li l-imputat kellu problema ta' droga u gieli kienet tkun mieghu meta jiehu l-*smoke* u l-*smack* u gieli marret mieghu biex jixtriha mill-Belt minghand xi hadd li ma tafux, f'xi triq hdejn il-bahar. Kompliet tghid li wara li jahraq d-droga fuq il-foil fil-karozza gieli quddiemha u gieli meta jkun wahdu. Ziedet tghid li hi kemm l-darba ppruvatha d-droga fuq il-foil. Qalet li hi ghandha huha li jismu Marlon u dan gieli hareg u ha d-droga maghhom. Qalet li qabel din l-esperjenza fid-droga mal-imputat, hi kienet tiehu l-*smoke* biss u mhux kuljum, l-i*smack* qatt ma haditha qabel. Qalet li l-genituri taghha ma kienux rieduha tohrog mal-imputat u kienet taghmel hekk bil-mohbi taghhom ghaliex kienu jafu x'inhu. Qalet li hi qatt ma hallset ghal i*smack*, kien jaghtihielha l-imputat ghaliex kienet titlobilu hi. Qalet li qabel ma kellha x'taqsam mal-imputat sesswalment, hi qatt ma kellha relazzjoni simili ma hadd, hu kien l-unika persuna.

Bernice Camilleri kompliet tghid li mal-ewwel gimgha li bdiet tohrog mal-imputat, ommha qabditha u qaltilha biex ma tibqax tohrog mieghu peress li kienet marret ghand tas-Sedqa u skopriet li kellu problema tad-droga. Qalet li lil ommha qaltilha li kienet ser tieqaf tohrog mal-imputat, pero regghet bdiet u regghet qabditha ommha peress li l-imputat kien baghtilha messagg fuq il-mobaile u qrah missierha. Lil missierha qaltlu li riedet tibqa tohrog mal-imputat ghaliex mill-ewwel gimgha kienet habbitu u missierha ta' penitenza u ma hallihiex tohrog ghal gimgha. Qalet li darba minnhom, kien il-Hadd, f'nofs il-lejl harbet mid-dar u marret tfittex lil imputat hdejn d-dar tieghu pero ma sabitux u regghet dahlet d-dar u l-ghada t-Tnejn, meta marret l-iskola sabitu hemmhekk u qalilha li kien imdejjaq

u ftehmu li dakinhar fis-siegha ta' filghodu jiltaqghu fejn kienu ltaqghu l-ewwel darba. Kompliet tghid li ltaqghu, hu beda jghamlilha sinjal u jifthemu bil-lejl. Qalet li kienet tahrab mid-dar minghajr ma jindunaw il-genituri taghha, daqqa fis-siegha ta' filghodu u jaghmlu sat-tlieta u nofs u wara bdiet zzied il-hin, tohrog fil-hdax u tidhol fis-sitta ta' filghodu ghaliex ma rieditx tinfired minn ma dan l-guvni. Ziedet ghid li darba minnhom l-imputat kien qalilha biex tiehu l-*cash link* ta' missierha, pero hi kienet tghid li ma setghetx ghaliex missierha kien jzommha dejjem fuqu l-*cash link*, pero hu baqa jinsisti maghha biex tipprova tohodilha. Qalet li darba minnhom qalilha wkoll dwar l-flus ta' missierha, pero hi qaltlu li missierha kien jaqfel l-flus u c-cavetta tkun fuqu. L-imputat kien anke staqsiha ghal xi deheb tal-genituri taghha u hi qaltlu li c-cavetta fejn kien ikun d-deheb kienet tkun ghand ommha, pero tant gabilha qalbha zghira, li anke d-deheb tan-nannu taghha tat lil imputat, ghalkemm kienet taht l-impressjoni li d-deheb kien ta' missierha. Qalet li wara ommha kienet sabet d-deheb nieqes u qaltilha li kien tan-nannu. Qalet li hi qatt ma serqet pero dakinhar kien giha l-kuragg biex tisraq ghal imputat. Qalet li d-deheb li tat lil imputat ghal habta ta' Lulju 2004, kien erbgha crieket, wiehed minnhom tat-tieg, cappetta u gizirana u l-imputat kien bieghu u xtara DVD. Qalet li darba minnhom ommha marret tqajjima biex tohodha l-poliklinika peress li kellha xi daqqiet bic-cintorin u wara marru l-ghassa biex jaghmlu rapport. Qalet meta kien hemmhekk, lil imputat qalulu biex imur u hi u huha baqghu l-ghassa u qaltilha biex tmur lura d-dar, pero hi ma rieditx u baqghu sejrin. Mistoqsija mill-Qorti dwar l-incident tac-cintorin, ix-xhud qalet li darba minnhom il-genituri taghha qabduha diehla d-dar wara nofs il-lejl, u kienet qalghet xebgha bic-cintorin u ommha wissietha biex ma tibqax tohrog mal-imputat u bdiet tghajjat maghha u ghalhekk marret taghmel rapport l-ghassa li ommha u missierha sawwtutha bic-cintorin u wara marret il-poliklinka.

Qalet li barra dan l-incident, hi kienet ghamlet rapport iehor li missierha kien kisser flixkun u kien tefghaha fuqu u kienet ghamlet anke certifikat iehor fuq dan, pero dan kien rapport falz kontra missierha ghaliex mhux veru kien

kisser flixkun u tefghu fuqha. Ziedet tghid li apparti l-incident tax-xebgha bic-cintorin, gieli qalghet xi daqqa ta' harta fuq xofftejha, jew missierha kien jaqbadha minn xagharha. Qalet li meta qalghet x-xebgha bic-cintorin minghand mssierha w ommha, dawn kienu tawha fuq saqajha.

Kompliet tghid li darba minnhom, jum s-Sibt, hi kienet Paceville u ommha kienu qed jieklu f'restaurant u hi marret l-Bamboo fejn rat lil huha u waqfet tkellmu. Huha dakinhar qalilha li l-imputat kien ghadu jhobbha u hi qaltlu li anke hi kienet ghadha thobbu lil imputat. Dakinhar huha kien qalilha wkoll li jekk hi kienet ser tixhed kontra l-imputat, kienet ser twahhlu hames snin habs u hi rrispondietu li ma setghetx taghmel hekk ghaliex kienu hadulha xi testijiet ghad-droga u li kellha x'taqsam mal-imputat, u ghalhekk ma kienx ghaqli li tigdeb ghaliex tehel sentejn habs hi.

Qalet li fil-present hi kienet qed tghix d-dar peress li kellha terga tmur lura, pero huha, li ghandu wiehed w ghoxrin sena, ma jghix d-dar maghhom peress li meta kienu jmorru jqajjmuha bic-cintorin kien hass jaraha tissawwat u telaq u m'ghadhiex tarah daqs kemm kienet qabel. Qalet li apparti l-proceduri odjerni, hi ma xtaqitx li jittiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat, pero wara rragunat li jekk l-imputat kien ser jibqa sejjer f'din il-hajja, kien ser jispicca jinstab mejjet x'imkien b'xi overdose u dak li kienet qed taghmel, kienet qed tghamlu ghaliex ma kienx sewwa li jibqa jghix f'dik il-hajja tad-droga.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 **in kontr' ezami Bernice Camilleri xehdet** [fol 257] li hi saret taf lil imputat xi sena qabel ghalkemm kienet tafu di vista u bdiet tkellmu minn xi sena jew sena w nofs. Mistoqsija jekk kellhiex xi *boyfriends* ohra qabel l-imputat, x-xhud wiegbet fl-affermattiv, ghalkemm gieli laghbet ma guvintur, bhal bews. Ziedet tghid li gieli messet l-parti genitali ta' rgiel ohra qabel l-imputat ghalkemm atti sesswali ma rgiel ohra qatt ma kellha. Sess orali u masturbazzjoni ma guvintur ohra kellha qabel l-imputat. Qalet li l-atti sesswali li kellha mal-imputat kienu jsiru fil-karozza. <u>Qalet li meta</u>

<u>tat d-deheb lil imputat, kienet qaltlu li kien taghha u li kienu jzommuhulha ommha u missierha. Fl-ebda hin ma qaltlu li d-deheb kien tan-nannu taghha</u>.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 **xehdu l-Ispetturi Victor Aquilina u Kevin Farrugia** [fol 33] fejn ikkonfermaw l-firma taghhom fuq il-kwerela redatta mill-genituri tal-imputat li hi markata bhala dokument Z [fol 35].

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2004 **rega' xehed l-Ispettur Victor Aquilina** [fol 59] fejn qal li fit-tmienja ta' Awissu 2004 mal-lejl hu gie nfurmat mill-ghassa ta' B'Kara li kien hemm tifla ta' mhux aktar minn tmintax il-sena li ghamlet rapport li kienet giet imsawwta mill-genituri taghha. Wara diversi kuntatti mal-agenzija Appogg, rrizulta li din riedet titlaq mid-dar w ghalhekk dan r-rapport ma kienx wiehed veritier. Matul l-gurnata hu baghat ghal genituri ta' din t-tifla w ghaliha u meta dawn gew mitkellma minnu, rrizulta li t-tifla kienet qed tohrog ma certu Richard Attard minghajr l-kunsens taghhom. Ix-xhud zied jghid li ghalhekk hu kien baghat ghal imputat u wara li qallu dak li kien gie allegat, hu weghdu li ma kienx ser ikellem izjed lit-tifla peress li kienet taht l-eta.

Ix-xhud zied jghid li hu lil imputat kien tah lura l-mobile li l-imputat stess kien ta lil din t-tifla. Kompla jghid li dakinhar stess filghaxija gie nfurmat mill-Ispettur Kevin Farrugia li matul l-lejl ta' bejn t-tmienja w id-disgha ta' Awissu 2004 l-imputat kien ipprova jidhol fid-dar tal-genituri ta' Bernice Camilleri. Irrizulta li l-imputat kien gia dahal mill-grada sal-front garden. Ghalhekk, kompla jghid x-xhud fid-disgha ta' Awissu 2004 ha stqarrija tal-imputat wara li nghata s-solilta twissija, fejn kien presenti l-Ispettur Kevin Farrugia. Ikkonferma l-firma tieghu u tal-imsemmi Spettur Kevin Farrugia fuq l-istqarrija dokument RA 1 [fol 53] fejn l-imputat m'ammettiex l-involviment tieghu kemm ghal dak li jirrigwarda l-fatt li kellu jaqsam ma Bernice Camillieri kif wkoll li kien dahal fil-post tal-genituri taghha. Zied jghid li fil-fatt l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Kompla jghid li pero nhar l-ghaxra ta' Awissu 2004, l-imputat, fil-presenza tal-Ispettur Raymond Aquilina u tieghu, wara li kien rega' gie moghti s-solita twissija, kien

irrilaxxja stqarrija ohra li tinsab immarkata bhala dokument RA [fol 50] fejn fiha ammetta l-involviment tieghu kemm ghal dak li jirrigwarda l-fatt li kellu x'jaqsam sesswalment ma Bernice Camilleri kif wkoll li kien dahal fil-proprjeta tal-genituri taghha bla permess. Fil-fatt l-imputat kien iffirma din l-ahhar imsemmija stqarrija. Ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Raymond Aquilina u tal-imputat li gharaf presenti fl-awla.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2004 **xehdet l-Ispettur Sharon Tanti** [fol 41] fejn qalet li fid-disgha ta' Awissu 2004 hi kienet assistit lil Ispettur Raymond Aquilina f'investigazzjoni li kienet qed issir fejn kien hemm involuta tifla ta' hmistax il-sena bl-isem ta' Bernice Camilleri. Xehdet li hi hadet il-versjoni tal-fatti minghand l-minuri dwar r-relazzjoni li kellha mal-imputat li aktar tard iltaqghet mieghu, li hu l-imputat presenti fl-awla. Qalet li l-minuri kienet qaltilha li kienet ghadha kemm ghalqet tlett xhur tohrog mal-imputat li ghandu tnejn w ghoxrin sena u li dakinhar stess l-imputat kien ipprova jidhol bil-mohbi fil-kamra tal-minuri. Xehdet li l-minuri kienet qaltilha li hi ma kienetx taf li l-imputat kellu jmur jiltaqa maghha. Spjegat li ghal dawk l-ahhar tlett xhur l-minuri kien jkollha x'taqsam sesswalment mal-imputat l-aktar fil-karozza tieghu fi triq bejn d-dar ta' omm il-vittma u d-dar ta' omm l-imputat, peress li joqghodu qrib xulxin.

Ix-xhud kompliet tghid li l-vittma qaltilha li gieli wkoll kienu jmorru biswit fabbrika ta' Farsons u kienu joqghodu jinnamraw hemmhekk u kien wkoll jkollhom x'jaqsmu ma xulxin hemmhekk wkoll. L-vittma qaltilha wkoll li condoms ma kienux juzaw u kien ikollhom rapport komplet fis-sens li kienu jaghmlu intercourse. Bernice Camilleri qaltilha wkoll li hi keinet tiltaqa mal-imputat kontra r-rieda ta' ommha u missierha ghaliex kienu gia wissew lil imputat biex ma jiltaqax ma binthom u li lilha wkoll ghamlu xi zmien ma jhalluhiex tohrog biex tiltaqa mieghu.

Ix-xhud kompliet tghid li l-minuri qaltilha li minkejja dan, hi kienet thalli lil genituri taghha jidhlu jorqdu, u tahrab mid-dar biex tmur tiltaqa mal-imputat. Il-vittma qaltilha wkoll li minhabba l-insistenza tal-imputat u l-imhabba li hi kellha

ghalih li waslet biex serqet xi oggetti minghand l-genituri taghha u taghtihomlu. Stqarret maghha wkoll l-vittma li kemm kien ilha mal-imputat kienet bdiet tesperimenta fid-droga, peress li hu ghandu dan il-vizzju. Stqarret maghha wkoll l-vittma li hi kienet tmur mal-imputat l-Belt biex jixtri f-droga ghalih, u waqt li hi kienet toqghod tistennih fil-karozza tieghu, hu imur ghand xi hadd li ma kienetx taf minn hu, sabiex jixtri d-droga ghalih. Ziedet tghidilha l-vittma li l-imputat kien jippreparalha l-i*smack* hu stess. Spjegatilha kif kien jahraqha fuq il-*foil*, kien jaghmel qisu *pipe* bil-*foil* stess u t-trab kien qisu jibda jimxi u hi kienet tigbed d-duhhan mill-*foil.* Semmitilha wkoll li huha Marlon gieli kien ikun maghhom u kien jaf bl-avventuri li kien ikollha ma l-imputat u li gieli rat lil huha jabbuza mid-droga peress li kienu jabbuzaw t-tlieta li huma. L-Ispettur Sharon Tanti kompliet tghid li fl-ewwel stqarrija li rrilaxxjat l-vittma kienet qalet li kienet abbuzat mid-droga xi tlett darbiet mal-imputat pero aktar tard kienet qalet li ma kienetx tiftakar kemm il-darba u li kienet qalet li tlett darbiet biex ma tinkwetax lil genituri taghha, pero eventwalment lil genituri taghha kienet qaltilhom li abbuza aktar minn tlett darbiet mid-droga. Ix-xhud ziedet tghid li l-vittma kienet stqarret maghha li qabel ma ltaqghet mal-imputat, la kellha relazzjoni ohra sesswali ma xi hadd, iehor, la kienet esperjenzjat d-droga u li ma kienetx sfurzata jkollha x’taqsam mal-imputat u li dejjem bil-volunta taghha sar.

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2004 **xehed l-Ispettur Raymond Aquilina** [fol 44] fejn qal li nhar d-disgha ta’ Awissu 2004 kien gie nfurmat mill-ispettur Victor Aquilina li Angelo Camilleri kien mar l-ghassa jinfurmah li hu ma kienx ser jiehu hsieb aktar t-tifla minuri tieghu Bernice Camilleri jekk din ma kienetx ser toqghod ghal dak li jghidlha hu u martu bhala l-genituri taghha. Qal li mill-investigazzjoni li ghamel rrizulta li l-minuri Bernice Camilleri kienet qed tohrog mid-dar minghajr permess tal-genituri taghha biex tiltaqa mal-imputat presenti fl-awla. Meta Bernice Camilleri giet mitkellma mix-xhud, din zvelat li kellha relazzjoni mal-imputat, kienet qed tohrog mieghu bil-mohbi tal-genituri taghha meta jidhlu jorqdu kif wkoll bdiet tesperjenza d-droga waqt li tkun fil-kumpanija tal-

imputat u ta’ huha stess Marlon. Zvelat wkoll li l-imputat kien jipprepara d-droga ghaliha billi jaghmel bhal pipe tal-foil u hi tigbed d-duhhan. Qaltlu wkoll li l-genituri taghha kienu ghamlu certi restrizzjonijiet fuqha biex ma tohrogx mid-dar u tmur tiltaqa mal-imputat. Ix-xhud kompla jghid li l-minuri zvelat mieghu li kienet hadet xi affarijiet mid-dar tal-genituri taghha w ghaddiethom lil imputat u li l-imputat kien xtralha xi rigali bhal mobile biex tkun tista taghmel kuntatt mieghu, brazuletta u curkett. Spjegatlu l-l-card tal-mobile kien jixtrihilha l-imputat stess.

Ix-xhud kompla jghid li waqt l-investigazzjoni rrizulta li l-vittma kien qed ikollha relazzjoni sesswali mal-imputat qrib il-fabbrika ta’ Frasons f’karozza tal-istess imputat tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta’ registrazzjoni FAS 464. Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud, l-ewwel li tkellmu mal-imputat fid-disgha ta’ Awissu 2004, kienu l-Ispettur Victor Aquilina u l-Ispettur Kevin Farrugia fejn l-imputat naqas li jikkollobora maghhom, pero l-ghada l-ghaxra ta’ Awissu 2004, meta rega’ gie mitkellem, l-imputat ammetta l-involviment tieghu ma Bernice Camilleri fejn qal li kellu relazzjoni sesswali maghha u li huha Marlon kien jaf b’dan kollu u x’kien qed jigri. Ammetta mieghu li l-atti sesswali mal-vittma kienu jsiru fl-akwati ta’ Farsons fl-Imriehel u li meta kien jabbuza mid-droga kien ikun hemm Bernice Camilleri mieghu. Qalilhom wkoll li kien ilu li waqaf jiehu d-droga ghal dak l-ahhar xahar u kien taht kura tat-tabib u jiehu DHC mon flok d-droga. Ammetta mieghu wkoll li kien dahal fil-proprjeta tal-familja Camilleri minghajr permess taghhom flimkien ma Bernice u huha Marlon u li kien halla warajh balaclava. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kien qallu li kien liebes balaclava biex jahbi l-identita tieghu u l-intenzjoni tieghu kienet li jghid lil Bernice li kien ihobbha hafna, jghaddi kemm jghaddi z-zmien. Ix-xhud esibixxa zewg stqarrija rilaxxjati mill-imputat wara li nghata s-solita twissija, li gharaf presenti fl-awla, liema stqarrijiet gew immarkati bhala dokumenti RA u RA 1 [fol 50 et seq].

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2004 **xehdet Carmen Camilleri** [fol 47] fejn qalet li hi tigi omm l-minuri Bernice Camilleri. Ikkonfermat li kien t-Tnejn meta marret taghmel

rapport l-ghasssa B'Kara ghaliex fis-saghtejn ta' filghodu dakinhar meta hi u zewgha kienu reqdin, semghu xi passi fil-bitha u meta zewgha mar jittawwal u dam, qamet hi wkoll biex tara x'kien gara. Qalet li waqt li zewgha kien fil-kamra tat-tifla, ghamlilha sinjal biex toqghod kwieta peress li kien hemm xi hadd fil-bitha. Qalet li hi dahlet fil-kamra tat-tifla u ressqet il-purtiera, rat lil xi hadd jigri u peress li ndunat minn kien, fethet it-tieqa u qaltlu 'gharaftek', b'referenza ghal imputat presenti fl-awla.

Qalet li dak l-hin inhasad ghaliex ma basarx li kien ser jara lilha hemmhekk u tela ma cint biex jahrab. Qalet li t-tifla dak l-hin kienet rieqda u l-imputat beda jhabbat mal-kamra taghha. Ghalhekk cemplu lil pulizija li marru fuq il-post u meta ghamlu xi kwarta jduru kien hemm karozza ghaddejja bin-nies jghajjtu u hi qalet lil pulizija li setghu kien hu u l-pulizija harbu ghal warajh, pero ma lahquhx. Ix-xhud qalet li dakinhar l-pulizija ghandha sabu balaclava fid-drive in tal-proprjeta taghha.

Ziedet tghid li l-imputat kellu relazzjoni ma bintha l-minuri pero huma ma kellhomx pjacir bih peress li min informazzjoni li gabret minghand l-girien, din ma kienetx wahda sabiha u bintha kellha biss erbatax il-sena filwaqt li l-imputat kellu tnejn w ghoxrin, w ghalhekk kien hemm *gap* kbira bejn l-etajiet taghhom. Kompliet tghid li hi kienet qaltlu lil imputat biex jhalliha lil bintha u jsib tfajla ohra tamparu pero hu kien irrispondiha li l-eta ma kelliex x'taqsam u baqa jippersisti maghha u jibghatilha certi messaggi fuq il-mobile. Qalet li kien ghalhekk li marret tirrapporta u anke hadet l-mobile maghha.

Carmen Camilleri kompliet tghid li wara xi zmien kienet marret tfajla d-dar taghha, ta' xi hmistax il-sena u tatha mobile u card tal-hames liri u hi m'accettathomx u qaltilha li bintha ma kellhiex bzonn mobiles. Qalet li lil din t-tfajla qaltilha li jekk kien baghatha l-imputat, kien ahjar li ma tidholx f'inkwiet u tmur terga taghtihomlu lura. Ziedet ghid li din t-tifla kienet ammettiet maghha li kien l-imputat li kien baghat l-mobile ghal bintha u zewgha kien iddecida li jmur ikellem lil imputat u hekk ghamel.

Kompliet tghid li xi zmien ilu kienu sabu kaxxa tad-deheb ta' missierha b'oggetti ta' zewgha fosthom curkett tat-tieg tieghu, nieqsa mid-dar u bintha kienet ammettiet maghha li kienet hadithom hi biex taghtihom lil imputat. Qalet li sa dakinhar dawk l-oggetti ma regghux gew fil-pussess taghha. Qalet li l-valur ta' din l-kaxxa kien ta' aktar minn elf lira.

Qalet li lit-tlett itfal li ghandha qatt ma sawwtuhom, pero kienet saret taf li t-tifla ta' erbatax il-sena kienet tohrog bil-lejl u tidhol lura kmieni filghodu ma huha meta kienu jmorru jiltaqghu ma l-imputat u dak l-hin kienet tatha daqqtejn fuq saqajha, kemm lilha kif wkoll lil huha ta' wiehed w ghoxrin sena.

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 2004 **xehed Marlon Camilleri** [fol 62] fejn qal li hu joqghod ma nanntu fi Triq l-Akwadott, Fleur de Lys, B'Kara ilu joghod hemm minn xahar ilu. Qal li ohtu, Bernice Camilleri kienet tohrog mal-imputat li gharaf presenti fl-awla u li l-genituri tieghu ma kienux approvaw dan u ghalhekk bdew isawwtu lil Bernice biex taqta minn mal-imputat. Qal li hu ma hax pjacir b'dak li ghamlu l-genituri tieghu fil-konfront ta' ohtu w ghalhekk telaq mid-dar. Qal li l-imputat joqghod vicin d-dar tal-genituri tieghu u kien habib tieghu, kienu johorgu klikka hbieb mal-imputat u ohtu. Qal li gieli kienu jkunu fil-karozza tal-imputat ma ohtu vicin d-dar taghhom jaraw xi film fuq DVD portable. Qal li gieli marru f'post maghruf bhala t-Telgha tal-Kleru. Mistoqsi mill-Qorti fejn kien fid-disgha ta' Awissu 2004, ix-xhud ma ftakarx iwiegeb. Qal li l-pulizija arrestawh xi zmien ilu minn hdejn d-dar tal-imputat, kienu hu, l-imputat u habib iehor. Qal li l-imputat kien qal lil ohtu Bernice li sakemm taghlaq t-tmintax il-sena kien ahjar li jieqfu mir-relazzjoni ta' bejniethom minhabba li ommha ma rieditux. Qal li meta l-imputat gie arrestat fid-disgha ta' Awissu 2004, r-relazzjoni bejn ohtu u l-imputat waqfet. Qal li meta l-imputat instab fid-dar tal-genituri tieghu, hu ma kienx d-dar, kien ma habib tieghu Sandro Debono s-Smart Supermarket jixtri xi ice te ghal habta tal-hdax u nofs u wara gabru lil imputat mid-dar tieghu, marru l-Hamrun jieklu u huma w sejrin lura d-dar

tal-imputat ghal xi s-saghtejn ta’ filghodu, gabruhom il-pulizija.

Illi nhar d-disgha ta’ Settembru 2004 **xehed Angelo Camilleri** [fol 64] fejn qal li hu jigi missier Bernice u Marlon ahwa Camilleri. Qal li ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu tat-tmienja ta’ Awissu 2004, jigifieri sbih d-disgha ta’ Awissu 2004, sema’ hoss fil-proprjeta tieghu gej mill-bitha u xi passi u ghalhekk hareg jittawwal fetah l-purtiera u ra persuna, w induna aktar tard li kien l-imputat presenti fl-awla. Qal li hu kien ser icempel lil pulizija biex jabduh fil-fatt meta nel frattemp, qamet il-mara tieghu. Qal li l-imputat kien pprova jmur ikellem lil xi hadd minn naha tal-gate peress li kien hemm persuna ohra hemmhekk, li wiccha m’gharfux. Qal li sakemm mar icempel lil pulizija semgha lil martu tiftah t-tieqa u tghid ‘gharaftek, gharaftek’ w ghalhekk waqqaf t-telefonata u mar jara x’kien gara u martu qaltlu li kien lahaq harab. Ghalhekk rega’ mar icempel lil pulizija li gew wara tlett minuti u tawhom deskrizzjoni tal-imputat u x’kien liebes dakinhar.

Angelo Camilleri kompla jghid li wara marru l-ghassa peress li kienu baghtu ghalhom il-pulizija. Qal li ibnu Marlon kien qal lilu u lil martu li ohtu Bernice, li dak iz-zmien kellha biss erbatax il-sena, kienet qed tkellem ragel b’karozza blue, u wara kien kellimha biex jara jekk kienx veru jew le u gibdilha l-attenzjoni li kienet ghadha zghira, ghalkemm sa dak z-zmien ma kienx ghadu jaf kemm kellha zmien dik l-persuna tal-karozza blu. Qal li wara kien ghamel ricerka mal-girien u skopra minn kienet din il-persuna fejn sar jaf li ma kienetx persuna li xtaq hu. Qal li sar jaf li din il-persuna kellha xi wiehed w ghoxrin jew tnejn w ghoxrin sena w ghalhekk rega’ kellem lil Bernice fejn qalilha li dak ma kienx jghodd ghaliha u li wara sar jaf li kienu qed jiltaqghu bil-mohbi tieghu u ta’ martu. Qal li meta staqsa lil Bernice jekk l-imputat kienx qed imur wkoll hdejn l-iskola, hi wegbitu li hekk kien jaghmel.

Kompla jghid x-xhud li darba minnhom kienet marret d-dar taghhom tifla tampar bintu u ghadditilha mobile. Qal li hu dahal f’dan il-mobile taghha fejn sab xi messaggi li fil-fehma tieghu, ma kienux xierqa w ghalhekk qal lil bintu

biex ma tkellmux aktar lil dik il-persuna. Sussegwentement bintu kellha mobile iehor li sar jaf li kien tahulha l-imputat peress li sar jaf li l-ewwel mobile kien hadulha hu biex ma tkunx tista tuzah. Kompla jghid li ghalhekk dehrlu li kellu jmur jiffaccja lil imputat u jghidlu biex ihalli lil bintu Bernice bi kwietha. Zied jghid li qal lil imputat li ma kellux xi jridha lil Bernice u l-imputat kien wiegebu fis-sens li qallu li ‘gewwa tieghu u barra tieghi.’ [fol 65]. Ix-xhud wara li sema dan il-kliem, qallu li ma setghax jafda lil bintu f’idejn bniedem li lanqas rispett lejn m’ghandu. Qal li wara sar jaf li bintu Bernice bdiet tohrog bil-lejl u tmur tiltaqa mal-imputat u ghalhekk ghamel rapport lil pulizija. Qal li sussegwentement induna li kien hemm kaxxa tad-deheb b’oggetti tad-deheb nieqsa u fil-bidu kien wahhal fit-tifel peress li qabel kien naqas xi haga li wara rrizulta li kien hadha hu, u ghalhekk kien mar jghamel rapport f’dan is-sens, pero wara kienu regghu marru ghaliex d-deheb effettivament ma kienx hadu ibnu. Qal li beda jissikka ll Bernice w ammettiet mieghu li kienet haditu hi. Qal li fil-kaxxa kien hemm brazuletta tad-deheb, crieket u choker li kienu kollha tad-deheb. Qal li l-valur tal-kaxxa ma jafux. Qal li t-tifel tieghu kellu problemi kriminali u kien qed jipprova johorgu minnhom u kien qallu biex ma jghamilhiex ma kumpanija hazina. Qal li ibnu kellu sentenza sospiza u seta jitlef kollox. Qal wkoll li ibnu kien jkompli jinkoraggixxi lil Bernice biex tibqa tohrog mal-imputat u meta nduna li t-tifel kien qed jigdiblu, keccih ‘l barra.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Settembru 2004 **xehed l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 71] fejn qal li nhar d-disgha ta’ Awissu 2004, f’xi s-saghtejn ta’ filghodu gie nfurmat b’rapport li sar permezz tat-telefon minn certa Carmen Camilleri li persuna kienet dahlet fir-residenza taghha f’’Moonlight’, Triq l-Maggur Aquilina, B’Kara. Zied jghid li s-surgent li ha r-rapport mar wkoll fuq il-post fejn toqghod Carmen Camilleri u din qaltlu li waqt li kienet d-dar u marret tittawwal minn wahda mit-twieqi sabet ma wiccha lil imputat. Stqarret mieghu li hekk kif gharfet lil imputat qaltlu ‘gharaftek, gharaftek’ u dak l-hin l-imputat harab minn fuq il-post. Fuq il-post instabet balaclava sewda li sa dak il-hin ma kienx ghadu maghruf ta’ minn kienet.

Ix-xhud kompla jghid li minn aktar stharrig irrizulta li l-imputat kien maghruf mal-familja Camilleri li ghamlu r-rapport peress li dan kien qed jiltaqa ma binthom ta' hmistax il-sena certa Bernice Camilleri kontra x-xewqa taghhom. Irrizulta li l-imputat kien ilu jiltaqa ma Bernice madwar tlett xhur u cioe minn mindu kellha erbatax il-sena.

Zied jghid li dak l-lejl tad-disgha ta' Awissu 2004, huwa ordna l-arrest tal-imputat u aktar tard kien infurmat li l-imputat kien instab fil-kumpanija ta' Marlon Camilleri li jigi hu Bernice Camilleri u Sandro Debono. Kompla jghid li dak l-lejl stess dahlet informazzjoni anonima li dawn z-zaghzagh kienu responsabbli minn serq minn go karozzi fl-akwati ta' B'Kara. Ghalhekk l-ghada filghodu, hu u l-Ispettur Victor Aquilina kienu kellmu lil Bernice fil-presenza tal-genituri taghha fejn l-minuri wriet x-xewqa li ma titkellimx fil-presenza tal-genituri taghha u ghalhekk dawn hargu. Bernice Camilleri stqarret li kellha x'taqsam mal-imputat u cioe kellha *full intercourse* mieghu.

Ix-xhud kompla jghid li nhar d-disgha ta' Awissu 2004, ittiehdet stqarrija minghand l-imputat presenti fl-awla wara li nghata s-solita twissija, fejn ghazel li jwiegeb ghal mistoqsijiet maghmula lilu. L-imputat stqarr li kien ilu jiltaqa ma Bernice ghal madwar tlett xhur u li gieli anke mar bil-karozza tieghu fejn l-iskola li kienet tattendi u gieli ltaqghu hdejn d-dar taghha u marru flimkien hdejn il-fabbrika ta' Farsons, fl-Imriehel. Stqarr wkoll li anke ta xi rigal lil Bernice meta ghalqet l-hmistax il-sena. Fl-istess stqarrija l-imputat irrifjuta li jirrispondi ghad-domandi li sarulu, liema stqarrija esibixxa bhala dokument KF 1 u li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax [fol 75]. Ix-xhud kompla jghid li waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat, innota marki friski fuq l-ispalla tax-xellug tal-imputat u ghalhekk baghtu c-Centru tas-Sahha tal-Flroiana sabiex jigi nvistat minn tabib u fil-fatt hemmhekk kien ra Doctor Joseph Galea li rrilaxxja certifikat mediku li l-imputat kellu feriti ta' natura hafifa fuq spalltu x-xellugija, liema certifikat gie esibit l-Qorti u mmarkat bhala dokument KF 2 [fol 80].

Ix-xhud zied jghid li kien dahallu suspett li dawn l-feriti kienu gew kagjonati meta l-imputat kien skala xi hajt biex jidhol fir-residenza tal-konjugi Camilleri li kienu ghamlu r-rapport. Ix-xhud esibixxa faccata ta' stereo tal-marka Pioneer, kaxxa vojta ta' stereo, speakers tal-marka Markwen 200 watts u zewg speakers ohra bla isem liema oggetti kienu nstabu ghand l-imputat waqt l-investigazzjoni, liema oggetti l-imputat ma tahx spjegazzjoni minn fejn kien gabhom u lanqas ippresenta xi ricevuti biex jissostanzja l-istess w ghalhekk dahal suspett li setghu kienu misruqa. Dawn gew immarkati komplessivament bhala dokument KF 3.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **rega' xehed l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 132] fejn esibixxa mobile phone tal-ghamla Nokia li kien gie elevat minghand Bernice Camilleri mir-residenza tal-genituri taghha li gie mmarkat bhala dokument KF.

Illi nhar l-hdax ta' Mejju 2005 **rega' xehed l-Ispettur Kevin Farrugia** [fol 245] fejn ikkonferma r-rapport li kien ghamel lil Magistrat tal-ghassa Dottor Lawrence Quintano nhar d-disgha ta' Awissu 2004 fejn gharaf l-firma tieghu fuq l-imsemmi rapport u l-kontenut tieghu. Zied jghid li dan il-process verbal hu relatat mal-kawza odjerna.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Settembru 2004 **xehed PS 564 Jeffrey Schembri** [fol 81] fejn qal li nhar t-tmienja ta' Awissu 2004, waqt li kien xoghol l-ghassa ta' B'Kara ghal habta tan-nofs siegha ta' filghodu kienet marret l-ghassa certa Bernice Camilleri taghmel rapport li kienet telqet mid-dar peress li lejliet kienet giet imsawwta mill-genituri taghha u ghalhekk ma xtaqitx tirritorna d-dar taghhom. Ma din t-tfajla kien hemm huha certu Marlon Camilleri u l-imputat li gharaf presenti fl-awla. Kompla jghid li hu staqsa lil din t-tfajla ghaliex ma kienetx marret qabel u hi rrispondietu li ma setghetx tohrog mid-dar w ghalhekk kif l-genituri taghha dahlu jorqdu, harbet minn tieqa tal-kamra tas-sodda taghha fl-ewwel sular biex tmur taghmel rapport. Ix-xhud qal li fil-fatt sieqha kienet infaxxata. Zied jghid li hi stqarret mieghu li missierha kien tefghalha

flixkun u kienet rifset xi hgieg u taghtu certifikat mediku rilaxxjat minn Dottor Karl Causon. Ix-xhud esibixxa l-okkorrrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument RA [fol 83].

Illi nhar t-tmienja ta' Novembru 2004 **xehdet Sarah Soler** [fol 117] fejn qalet li hija tahdem bhala psycology officer mal-Agenzija Appogg u kienet qed isegwi lil minuri Bernice Camilleri. Qalet li Bernice Camilleri kienet stqarret maghha li l-imputat ried li torqod ma hbiebhu u jaghtuha xi rigiali u hi ma riedithomx. Qaltilha wkoll li l-imputat kien anke staqsiha beix inizzilha l-Gzira pero ma rieditx. Qalet wkoll li rrizultalha skond ma qaltilha l-istess Bernice Camilleri, li waqt l-proceduri odjerni meta l-imputat mhux suppost kien ikellimha, kienet tiltaq mieghu xorta wahda. Qalet li Bernice Camilleri qaltilha li l-imputat ma riedhiex tixhed kontra tieghu l-Qorti, u li ghamlet hazin meta xehdet u qalet li kien hu li gieghlha tisraq d-deheb tan-nannu u l-*cash link* ta' missierha.

Qaltilha li kienet tiltaqa mal-imputat bil-lejl u li kienet lesta li tmur il-habs biex tghinu. Qalet wkoll li l-imputat qalilha li ma kien ser jitlaqa qatt jekk taqbez ghalih. Stqarret li Bernice Camilleri ammettiet wkoll maghha li l-imputat kellu x'jaqsam maghha anke fil-mori tal-kawza.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **deher Emanuel Buttigieg** [fol 134] fejn qal li jigu n-nannu tal-imputat w iddikjara li ma xtaqx jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **xehed PS 1086 Johan Micallef** [fol 136] fejn qal li bejn l-ghoxrin u l-wiehed w ghoxrin ta' Dicembru 2004, kellu nformazzjoni li kien hemm zewg zaghzagh li qed jaghmlu abbuz mid-droga w ghalhekk ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu mar u sab lil imputat go garaxx taht l-art b'affarijiet li jintuzaw in konnessjoni ma droga. Kien go vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAS 464.
Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 **xehed PC 599 Clive Mangion** [fol 138] fejn ikkonferma dak li qal PS 1086 Johan Micallef pero zied jghid li minn taht d-dashboard tal-vettura li kien riekeb l-imputat, eleva zewg siringi u xi

pakkett ta’ boroz b’kantunieri vojta u l-oggetti gew elevati u mghoddija lil ufficjal prosekutur ghal aktar investigazzjoni.

Illi dawn l-fatti gew konfermati wkoll minn PC 451 Aaron Bugeja u PS 1043 Frankie Pace.

Illi nhar d-disgha ta’ Marzu 2005 **xehed n-Nutar Stephen Farrugia Sacco** [fol 157] fejn qal li b’digriet tad-dsatax ta’ Jannar 2005, hu kien gie nominat sabiex jezamina mobile phone tal-marka Nokia 3301 w ghalhekk ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument SFS [fol 159]. Minn ezami tal-istess rapport jirrizulta li Bernice Camilleri kienet baghtet dawnil-messaggi t’imhabba lil imptuat anke fil-mori tal-kawza.

Illi nhar d-disgha ta’ Marzu 2005 **xehed PS 1131 Justin Camilleri** [fol 188] fejn qal li fid-disgha ta’ Awissu 2004, waqt li kien xoghol ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ filghodu dahlet telefonata mill-koppja Camilleri li joqghodu ‘Moonlight’, Triq l-Maggur Aquilina, B’Kara fejn allegaw li kienet dahlet xi persuna fir-residenza taghhom. Qal li ghalhekk hu mar fuq l-post indikat u tkellem mal-konjugi Camilleri fejn qalulu li ftit tal-hin qabel bdew jisimghu xi hsejjes fil-bitha u meta ttawwlu minn tieqa, raw lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, fil-bitha taghhom. Qalulu wkoll li kienu jafu lil imputat peress li kien ried johrog ma binthom Bernice ta’ hmistax il-sena. Qal li Carmen Camilleri stqarret mieghu li sussegwentement l-imputat kien tela’ ma cint u harab minn fuq il-post flimkien ma persuna ohra li m’gharfitx dak l-hin.

Zied jghid li mir-residenza tal-konjugi Camilleri eleva balaclava li kienet fil-parapaett taghhom. Ix-xhud kompla jghid li minn informazzjoni li kiseb dak l-hin stess, irrizultalu li l-imputat kien joghod fi 352, Triq Fleur de Lys, B’Kara w ghalhekk mar fir-residenza tieghu fejn fetah l-bieb missier l-imputat billi l-imputat ma kienx d-dar u waqt li kien qed jitkellem mieghu, resqet karozza miexja bil-mod u waqqafha. Qal li fiha kien hemm l-imputat odjern flimkien ma Marlon Camilleri, li jigi t-tifel tal-konjugi Camilleri u certu Sandro Debono li gew arrestati u

mehuda l-ghassa. Ix-xhud esibixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument ST [fol 191].

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 **xehed Doctor Carl Causon** [fol 207] fejn qal li hu kien ezamina lil certa Bernice Camilleri nhar t-tmienja ta'Awissu 2004 fil-poliklinika tal-Floriana ghal habta tas-siegha ta' filghodu. Qal li din kellha kontuzzjoni fuq z-zewg koxtejn taghha u girfa fuq x-xoffa ta' isfel taghha, liema feriti huma kompatibbli ma daqqa ta' cintorin peress li kien hemm l-forma u l-ghamla totali. Zied jghid li l-pazjenta stqarret mieghu li kienet qalghet daqqa ta' harta wkoll. Qal li kienet hi li stqarret mieghu li missierha kien taha xi daqqa. Qal li l-griehi in kwistjoni kienu ta' natura hafifa. Mistoqsi ma min kienet Bernice dakinhar li marret il-poliklinika, x-xhud qal li maghha kien hemm persuna ohra li jekk mhux sejjer zball, qaltlu li kien huha. Ix-xhud esibixxa certifikat mediku li rrilaxja hu li gie mmarakat bhala dokument KC [fol 209].

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 **xehed PS 564 Jeffrey Schembri** [fol 210] fejn wara li gie muri d-dokument KC ikkonferma li dak kien kopja tac-certifikat li kien gie moghti lilu minn Bernice Camilleri.

Illi nhar t-tnejn ta' Mejju 2005 **xehed Brian Farrugia** [fol 212] fejn qal li hu kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka dwar vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni FAS 464. Qal li din il-vettura hija registrata f'isem Richard Attard detentur tal-karta tal-identita numru 662281M u liha hekk registrata mit-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004. Qabel din il-vettura kienet registrata f'isem Emanuel Buttigieg detentur tal-karta tal-identita numru 425136M b'effett mill-erbgha ta' Lulju 2004 sat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-artikoli jirrizulta li l-Avukat Genrali ghogbu jibghat l-artikoli fuq l-istess erba' akkuzi li l-prosekuzzjoni kienet akkuzat lil imputat bihom nhar l-hdax ta'Awissu 2004, w ghalhekk il-Qorti sejra tezamina l-provi prodotti fir-rigward dawn l-istess erba' akkuzi biss.

Principalment id-difiza mhux qed tikkkontesta li l-imputat kellu relazzjoni sesswali mal-minuri Bernice Camilleri pero eccepiet li l-allegata vittma Bernice Camilleri kienet gia korrotta w ghalhekk ma setghetx tigi ulterjorment korrotta.

Hawnhekk il-Qorti thoss li ghandha ticcita s-sentenza moghtija ***nhar t-tnejn ta' Ottubru 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v James Demanuele** li tghid s-segwenti:

*"Il-fatt li persuna minuri jkollha relazzjoni [jew addirittura relazzjonijiet] sesswali f'okkazzjonijiet antecedenti ghal dawk mertu tal-imputazzjoni, ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna tkun diga tant korrotta li ma setghetx tigi aktar korrotta bl-ghemil zieni imputat."*

Kif inghad f'dik is-sentenza u fis-sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Buttigieg** deciza ***nhar t-tnax ta' Settembru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:***
*"Kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna, in tema ta' korruzzjoni ta' minorenni, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz."*

Fi kliem **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano UTET [Torino]*** 1924 Vol III para 1476 pg 189] jghid:

*"E' una indagine… da istituirsi caso per caso dal giudice, e nonostante le difficolta' e incertezza inseparabbli da tale apprezzamento, riteniamo che questa sia la soluzione piu corretta, di fronte al testo o allo spirito dell'articolo 335, evitando quindi le due estreme opinioni secondo l'uno delle quali sussiste sempre il reato qualunque sia la precedente corrruzione del minore, e secondo l'altra si esclude la sussistenza del reato medesimo ogni qualvolta la vittima non sia nuovo alle pratiche venere e senza curarsi di stabilire se la sua corruzione sia suscetiva di aggravamento per effetto di nuove atti, lasciando cosi' indifesi in preda alla turpitudine altrui fanciulli che, caduti spesso senza loro colpa, sulla via del vizio, se ne*

*potrebbero ritornare ove altri non abusasse delle loro inesperienze o leggerezze per consumare la rovina."*

Skond l-gurista Taljan **Francesco Carfora** fil-ktieb tieghu ***Digestivo Italiano*** jghid li:

"*Atti li libidine ... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre che possano ecitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo completo della libidine… senza poi entrare nelle varie questioni sorte nelle pratice o nelle gurisprudenza circa alle valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine… noi rileveremo come norma generali che gli atti a cui si riferisce la legge debbono essere materiali e di certa entita e tali da aver rapporto prossimo e dirette colle funzioni sessuali."*

Il-Qorti m'ghandhiex dubbju li dak li ghamel l-imputat kif ormai deskritt minn Bernice Camilleri fix-xhieda taghha, ghamlu biex jissodisfa l-gibdiet sesswali tieghu u jammonta ghal *atti di libidine* fis-sens tal-ligi taghna.

Illi minn apprezzament tal-provi prodotti, jirrizulta li l-vittma Bernice Camilleri, kif del resto tghid d-difiza stess, diga kellha esperjenzi ma rgiel ohra, ghalkemm kien ghad ghandha hmistax il-sena w ghalhekk zgur li l-vittma ma kienetx tfajla minghajr esperjenzi sesswali ghalkemm l-att matrimonjali ghamlitu ghal ewwel darba ma l-imputat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma din t-tezi tad-difiza li l-vittma kienet gia korrotta, ghaliex ghalkemm huwa veru li Bernice Camilleri kellha boyfriends ohra, dak li ghamlet mal-imputat, u cioe li kellha x'taqsam mieghu sesswalment, m'ghamlitux m'irgiel ohra w ghalhekk zgur li dan l-att ghandu jitqies li jikkorrompi tfajla ta' hmistax il-sena.

Ma hemmx dubbju lkif stqarret d-difiza, li Bernice Camilleri kienet ossessjonata fuq l-imputat tant li kienet issegwih kullimkien u ma kienetx thallihx bi kwietu. Jidher wkoll mill-atti, li kienet tkun fil-parti l-kbira Bernice Camilleri li kienet thajjar lil imputat sabiex jaghmel dawk l-atti ta'

libidine flimkien.  Bernice Camilleri stqarret li mal-imputat kellha sess orali, kienu jmissu l-parti privati ta’ xulxin u sahansitra kien ikollha x’taqsam mieghu anke minghajr kontracettivi.  Qalet li dan ghamlitlu mhux ghaliex kien igieghela l-imputat izda ghaliex keient thobbu akkost ta’ kollox.

Illi dan pero ma jinnewtralizzax il-kommissjoni tar-reat u l-Qorti tqis l-kommissjoni ta’ dan r-reat bhala wiehed serju specjalment meta tqis li l-imputat fil-mument tal-kommissjoni tar-reat, kellu tnejn w ghoxrin sena filwaqt li Bernice Camilleri kellha biss hmistax il-sena.

Il-Qorti hija disgustata tara kif Bernice Camilleri kienet wkoll tigi mhajjra taghmel dak li kienet taghmel minn huha Marlon, li kien jinkoraggiha biex tohrog mal-imputat, ghalkemm kien huha l-kbir u kien jaf bl-eta taghha u bl-opposizzjoni tal-genituri taghha.

Bernice Camilleri, ghalkemm kienet minuri, hija tfajla ta’ certa maturita li mhiex sinkronizata mal-eta taghha.  Hija tfajla b’hafna resiztenza lejn il-genituri taghha, b’ossessjoni kbira lejn l-imputat u certu volja li tkun fil-kumpanija tal-imputat f’kull hin tal-gurnata.  Tant li anke meta l-imputat inghata l-bail, kien tilef l-istess bail proprju minhabba l-agir persistenti taghha.

Il-vittma zgur li kienet hi li hajjret lil imputat jaghmel r-reat in kwistjoni w ghalhekk il-Qorti sejra tiehu dan kollu in konsiderazzjoni ai fini ta’ piena.  Illum il-gurnata Bernice Camilleri ser taghlaq s-sbatax il-sena fi ftit xhur u l-imgieba taghha lejn l-imputat baqghet wahda b’sahhitha u ma jidhirx li b’xi mod dawn l-esperjenzi li ghaddiet minnhom effettwawha b’mod negattiv jew b’xi mod ikkrejawlha xi trauma.  Anzi, jidher li hija tixtieq tkompli bir-relazzjoni taghha mal-imputat u spiccat il-Qorti peress li l-proceduri gew inizjati a bazi tal-kwerela tal-genituri taghha u mhux ghaliex hija riedet dan.

Il-Qorti qisiet l-imgeba taghha fuq il-pedana tax-xhieda u setghet tara l-ossessjoni li kellha Bernice Camilleri ghal imputat u l-passjoni w ammirazzjoni li kellha lejh.

Il-Qorti rat wkoll l-imgieba taghha waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda li ma kienetx bhala tfajliet ohra tal-eta taghha fis-sens li xehdet b'xi misthija jew dispjacir, izda xehdet b'certa forza u persistenza minhabba l-pressjoni li saret fuqha mill-prosekuzzjoni u mill-Qorti. L-interss taghha kien u ghadu li tipprotegi l-gharus taghha l-imputat. Hija tfajla ta' certa determinazzjoni, ghalkemm gideb ma jidhirx li qalet.

Dwar t-tieni akkuza u cioe li offenda l-pudur pubbliku, ma hemmx dubbju, kuntrarjament ghal dak li qalet d-difiza fin-nota taghha, li din tirrizulta wkoll.

Il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li tghid li l-post fejn kienu jiltaqghu Bernice Camilleri u l-imputat ma kienx pubbliku ghaliex hu post mudlam u mhux frekwentat minn nies.

Il-fatt li l-atti di libidine kienu jigu kommessi f'vettura fi triq pubblika hdejn Farsons, jew hdejn d-dar taghha, huma atti kommessi f'post <u>espost</u> ghal pubbliku. Jekk il-post hux frekwentat jew imdawwal, mhux relevanti. Li hu importanti ghal ezistenza ta' dan l-element tar-reat hu, li l-atti jigu kommessi f'post fejn il-pubbliku jista jkun ghaddej jew jattendi liberament *a sua sponte*.

Dwar t-tielet reat u cioe dak ta' ricettazzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Bernice Camilleri stess moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 w appuntu meta tghid li l-imputat kien jghidilha biex tiehu l-*cash link* ta' missierha u ma setghetx taghmel dan ghaliex kien izommha fuqu u wara talabha xi deheb u qaltlu li ma setghetx ghaliex ic-cavetta kienet izzommha ommha. Hija pero iddispjaciha li qaltlu le ghaliex tghid li 'gabili qalbi zghira li hadt d-deheb tan-nannu u tajtu lil imputat' u qaltlu 'ha, ma rridtx narhom aktar quddiem ghajnejja.' Qalet wkoll li din 'kienet l-ewwel u l-ahhar darba li ghamilt hekk.'

Illi meta regghet xehdet nhar d-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 [fol 257] u giet mistoqsija x'qalet lil impuat meta taghtu d-edheb, spjegat li kienet qaltlu li d-deheb kien taghha u kienu qed izommuhulha l-genituri taghha.

Enfasizzat li fl-ebda hin ma qaltlu li d-deheb kien tan-nannu taghha.

Illi din hija l-unika xhud li l-prosekuzzjoni ressqet b'referenza diretta ghax-xjenza li setgha kellu l-imputat fil-mument meta rcieva d-deheb minghand Bernice Camilleri.

L-imputat ghazel, kif kellu kull drit li jaghmel, li ma jixhidx w in oltre fl-istqarrija li rrilaxxja bhala dokument RA 1 [fol 53], l-imptuat ma gie mistoqsi xejn dwar d-deheb li gie mghoddi lilu. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma thossx li dan ar-reat gie ppruvat bl-ahjar mod.

Dwar r-raba akkuza u cioe li l-imputat dahal fir-residenza jew f'recint tal-proprjeta tal-konjugi Camilleri nhar d-disgha ta' Awissu 2004, minn ezami tal-atti jirrizulta li meta l-imputat mar f'din d-dar, huwa kien akkumpanjat minn Marlob Camilleri, iben l-konjugi Camilleri u fuq ftehim li kien ikollu ma binthom Bernice Camilleri w ghalhekk zgur li l-intenzjoni tal-imputat, f'dan il-kaz, ma kienx wiehed kriminali ghaliex ma kien hemm ebda abbuz.

Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina tal-imputat esibita a fol 3 tal-atti minn fejn jirrizulta li din hija nadifa ghall-ahhar bla ebda tegbha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha.

Rat li l-imputat, ghalkemm ghandu tnejn w ghoxrin sena jidher li hu bniedem immatur ghal eta tieghu w ghamel dak li ghamel, minhabba l-ossessjoni fatali li ghandha Bernice Camilleri ghalih. Jidher car minn dak li qal meta xehed fl-atti tar-rikors dwar t-telf tal-liberta tieghu, li hu kien ihobb lil Bernice Camilleri u jghidilha biex izzomm 'l boghod minnu, imma Bernice Camilleri ma riedet taf b'xejn.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-ahjar piena li tista timponi f'dan l-kaz stante c-cirkosanzi partikolari hi, li timponi piena karcerarja sospiza sabiex ikollha l-effett ta' mannara fuq ras l-imputat, u b'ordni ta' supervizzjoni sabiex bl-ghajnuna tal-istess, il-hati jzomm 'l boghod mill-hajja kriminali u bl-isperanza li sakemm Bernice Camilleri jkollha tmintax il-sena, ma jkux hemm aktar kuntatt.

**Il-Qorti,** rat l-artikoli tal-ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Gunju 2005 [fol 250] in partikolari l-artikolu 18, 203, 209, 334, 330 u 533 tal-Kap 9 tal-Lilgijiet ta' Malta, u **tiddikjara li qed issib lil imputat RICHARD ATTARD hati tal-akkuza li kkorrompa persuna taht l-eta u talli ghamel atti li joffendu l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku u tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-istess Kap 9 qed tpoggi lil hati taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu operattiv ta' erbgha snin moghtija presenzjalment u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

**1. Illi l-hati RICHARD ATTARD matul dan il-perjodu ta' erbgha snin izomm kuntatt kontinwu mal-Ufficjal Sorveljanti tul l-perjodu kollu ta' supervizzjoni u jobdi kull direttiva moghtija lilu minnu;**

**2. Li l-hati RICHARD ATTARD jzomm 'l boghod minn Bernice Camilleri sakemm l-istess Bernice Camilleri taghlaq t-tmintax il-sena.**

**Tiddikjara li ma ssibx lil imputat RICHARD ATTARD hati tar-reat ta' dhul b'abbuz f'recint jew dar tal-konjugi Camilleri u ta' ricettazzjoni u tilliberah minnhom.**
**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil hati jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati f'din il-kawza ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Lilgijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa tali talba u tordna lil imputat jhallas s-somma ta' mija wiehed u tletin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu [LM131.75] bhala spejjes inkorsi mill-espert Nutar Stephen Farrugia Sacco [fol 168 et seq].**

**L-imputat ghandu jhallas dawn l-ispejjes fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk mitlub mir-Registratur tal-**

**Qorti u fin-nuqqas, tali hlas jigi konvertit fi prigunerija addizzjonali bir-rata ta' jum ghal kull hames lira dovuta lir-Registratur tal-Qorti.**

**Ghal dan l-ghan, ghalhekk il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil istess Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**Tordna ai termini tal-artikolu 28G(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju ghal din s-supervizzjoni.**

**Ai termini tal-artikolu 28G(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti spjegat l-effetti ta' din l-ordni lil hati li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------